IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2021
COM(2021) 528 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Aġġornament tas-Sorveljanza Msaħħa - il-Greċja, Ġunju 2021

{SWD(2021) 528 final}

SFOND

L-iżviluppi u l-politiki ekonomiċi fil-Greċja huma mmonitorjati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika kif ukoll fil-kuntest tas-sorveljanza msaħħa skont l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 ([1]). L-implimentazzjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja ([2]) tirrikonoxxi li l-Greċja jeħtiġilha tkompli timplimenta l-miżuri biex tindirizza s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji, filwaqt li timplimenta riformi strutturali biex tappoġġa tkabbir ekonomiku sod u sostenibbli.

Is-sorveljanza msaħħa tipprovdi qafas komprensiv għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi u għall-eżerċizzju tal-politiki meħtieġa biex jiġi żgurat irkupru ekonomiku sostenibbli. Din tippermetti li ssir valutazzjoni regolari tal-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji reċenti fil-Greċja, kif ukoll li jsir monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-finanzjament sovran u aġġornamenti tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn. Is-sorveljanza msaħħa tipprovdi wkoll il-qafas għall-valutazzjoni tal-impenn ġenerali li ngħata lill-Grupp tal-Euro mill-Greċja fit-22 ta' Ġunju 2018, biex tkompli u tlesti r-riformi adottati skont il-programm tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u biex tiggarantixxi s-salvagwardja tal-objettivi tar-riformi importanti adottati b'konformità mal-programmi ta' assistenza finanzjarja. F'dan il-kuntest, is-sorveljanza msaħħa twettaq il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' impenji speċifiċi biex jitlestew ir-riformi strutturali ewlenin li bdew skont il-programm f'sitt oqsma ewlenin bi skadenzi miftiehma sa nofs l-2022, jiġifieri: (i) il-politiki fiskali u fiskostrutturali, (ii) il-protezzjoni soċjali, (iii) l-istabbiltà finanzjarja, (iv) is-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, (v) il-Korporazzjoni Ellenika tal-Assi u Parteċipazzjonijiet u l-privatizzazzjoni, u (vi) il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika ([3]).

Dan huwa l-għaxar rapport dwar is-sorveljanza msaħħa għall-Greċja. Ir-rapport jinħareġ flimkien mar-rieżami fil-fond tal-iżbilanċi makroekonomiċi u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jivvalutaw il-Programm ta' Stabbiltà tal-Greċja għall-2021 fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Ir-rapport huwa bbażat fuq il-konstatazzjonijiet ta' missjoni li saret mill-bogħod fl-20-21 ta' April 2021 u fuq djalogu regolari mal-awtoritajiet. Il-missjoni tmexxiet mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew ([4]); il-Fond Monetarju Internazzjonali pparteċipa fil-kuntest tal-qafas tiegħu ta' Monitoraġġ ta' wara l-Programm, filwaqt li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà pparteċipa fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tiegħu u f'konformità mal-Memorandum ta' Qbil tas-27 ta' April 2018 dwar ir-relazzjonijiet ta' ħidma bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Dan ir-rapport jivvaluta l-implimentazzjoni tal-impenji li l-Greċja għamlet lill-Grupp tal-Euro fir-rigward tat-tlestija tar-riforma sa tmiem l-2020 u jipprovdi informazzjoni

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-Żona tal-Euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/998 tas-17 ta' Frar 2021 dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja.

([3]) https://www.consilium.europa.eu/media/35749/z-councils-council-configurations-ecofin-eurogroup-2018-180621-specific-commitments-to-ensure-the-continuity-and-completion-of-reforms-adopted-under-the-esm-programme_2.pdf.

([4]) Il-persunal tal-BĊE pparteċipa fil-missjoni ta' rieżami f'konformità mal-kompetenzi tal-BĊE u b'hekk ipprovda għarfien espert dwar il-politiki tas-settur finanzjarju u l-kwistjonijiet makrokritiċi, bħall-miri fiskali ewlenin u s-sostenibbiltà u l-ħtiġijiet tal-finanzjament. Qabel il-missjoni ta' rieżami saret missjoni teknika, mill-bogħod ukoll, mis-6 sal-14 ta' April 2021.

dwar l-impenji dovuti sa nofs l-2021. Fit-tħejjija tar-rapport tqieset l-informazzjoni li kienet disponibbli sas-27 ta' Mejju 2021.

Dan ir-rapport jista' jservi bħala l-bażi li fuqha l-Grupp tal-Euro jiddeċiedi dwar il-ħruġ tas-sett ta' miżuri ta' dejn kontinġenti fuq il-politika li jmiss li jiswew EUR 748 miljun. Dawn il-miżuri ġew miftiehma mal-Grupp tal-Euro fit-22 ta' Ġunju 2018 u jinkludu t-trasferiment ta' ammonti ekwivalenti ta' introjtu ġġenerati mill-parteċipazzjonijiet tal-bank ċentrali f'bonds tal-Gvern Grieg skont il-Programm tas-Swieq tat-Titoli u l-Ftehim dwar l-Assi Finanzjarji Netti u deroga mill-marġni ta' żieda tal-imgħax ta' ċertu self li jingħata mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja. Ir-raba' segment ta' miżuri ta' dejn kontinġenti għall-politika ġie rilaxxat wara l-laqgħa tal-Grupp tal-Euro fit-30 ta' Novembru 2020, *inter alia* fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-Greċja għal nofs l-2020, fosthom ir-rapport dwar is-sorveljanza msaħħa li ġie adottat mill-Kummissjoni fit-18 ta' Novembru 2020 ([5]) u fid-dawl taċ-ċirkostanzi straordinarji maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19.

VALUTAZZJONI KUMPLESSIVA

Ir-rapport tħejja fl-isfond tal-issoktar tal-pandemija u l-miżuri ta' konteniment iżda wkoll tal-aspettattivi għal ftuħ mill-ġdid gradwali tal-ekonomija bis-saħħa tal-kampanja ta' tilqim. L-ekonomija Griega ċkienet bi 8,2 % fl-2020, pjuttost inqas milli kien mistenni, iżda xorta konsiderevolment aktar mill-UE kumplessivament, l-aktar minħabba l-importanza tas-settur tat-turiżmu għall-ekonomija. Iż-żieda fil-każijiet ġodda tal-COVID-19 wasslet biex l-awtoritajiet ikomplu bir-restrizzjonijiet tal-mobbiltà personali u l-miżuri ta' konteniment introdotti fi tmiem l-2020 u aktar kmieni din is-sena, filwaqt li bdew – aktar reċentement – jerġgħu jiftħu s-settur tat-turiżmu b'kawtela għat-turisti barranin. Il-Gvern ippreżenta miżuri addizzjonali ta' politika fiskali għall-2021 u l-2022 biex isaħħaħ l-irkupru ekonomiku u l-investiment privat. Il-pożizzjoni tal-politika fiskali għalhekk mistennija li tibqa' waħda ta' sostenn u tkompli ttaffi l-impatt tal-kriżi fuq is-suq tax-xogħol u fuq is-sitwazzjoni soċjali. Il-miżuri ta' protezzjoni tal-impjiegi qed jiġu appoġġati mill-UE b'mod partikolari permezz tal-istrument ta' finanzjament il-ġdid għall-Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency, SURE) u l-Fond Soċjali Ewropew. L-impjiegi huma mbassra li jiżdiedu marġinalment fl-2021, minħabba li gradwalment se jibda jsir reklutaġġ flimkien mal-ftuħ tal-ekonomija. It-tnedija mistennija tal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti ppreżentati fil-Programm għall-Irkupru u r-Reżiljenza mistennija tipprovdi impuls u *momentum* addizzjonali għat-tkabbir u *momentum* għall-isforzi biex tiġi mmodernizzata l-ekonomija kif ukoll tnaqqas il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali ([6]).

L-awtoritajiet għamlu progress tajjeb bl-implimentazzjoni tar-riforma f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi dawk li se jgħinu fil-ġestjoni tal-impatt soċjali u ekonomiku tal-pandemija u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' investimenti pubbliċi ġodda. Partikolarment:

([5]) https://ec.europa.eu/info/publications/enhanced-surveillance-report-greece-november-2020_en.

([6]) Ir-referenzi f'dan ir-rapport għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma jikkostitwixxu l-ebda valutazzjoni tal-Pjan Grieg għall-Irkupru u r-Reżiljenza u bl-ebda mod ma jistgħu jservu biex tiġi preġudikata l-valutazzjoni tal-Pjan mill-Kummissjoni.

- **Ir-riforma tal-insolvenza mistennija tidħol fis-seħħ kif miftiehem fl-1 ta' Ġunju,** wara d-dħul fis-seħħ tal-qafas dwar ir-riabilitazzjoni tal-kumpaniji u l-falliment korporattiv fl-1 ta' Marzu. Dan il-kodiċi jirrappreżenta riforma kbira tal-qafas tal-insolvenza u d-dħul tiegħu fis-seħħ huwa riżultat ta' ħidma ta' implimentazzjoni sostanzjali relatata mal-ispeċifikazzjoni dettaljata tiegħu kif ukoll mal-istabbiliment ta' pjattaforma tal-IT interkonnessa ma' dawk tal-banek. Il-proċess għall-istabbiliment tal-entità ta' bejgħ b'kiri lura mistenni li jieħu ħafna aktar żmien milli kien maħsub fil-bidu, iżda mhux se jkun jeħtieġ emendi tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti u mhux se jaffettwa l-implimentazzjoni tal-aspetti l-oħra tal-qafas u lanqas ir-revoka adottata dan l-aħħar tas-sospensjoni tal-miżuri ta' infurzar. L-iskema tista' tinvolvi spiża fiskali sostanzjali f'każ li tiġi kklassifikata fil-gvern estiż u l-awtoritajiet huma għalhekk imħeġġa jimplimentawha b'mod li jevita dan ir-riskju.

- **L-awtoritajiet estendew l-iskema Hercules biex jiffaċilitaw aktar tnaqqis ta' self improduttiv.** L-iskema kienet il-mutur ewlieni wara tnaqqis sostanzjali fil-proporzjon ta' self improduttiv għal 30,2 % fi tmiem l-2020, minn aktar minn 40 % fi tmiem l-2019 ([7]). Huwa mistenni li l-estensjoni tal-iskema tkun tippermetti lill-banek Griegi jkomplu jnaqqsu s-self improduttiv tagħhom u tappoġġa l-isforz tagħhom biex fl-2022 jilħqu proporzjonijiet ta' self improduttiv b'ċifra waħda f'konformità mal-istrateġiji tagħhom għat-tnaqqis ta' self improduttiv riveduti dan l-aħħar u ppreżentati lis-superviżur. Is-suċċess ta' dawn il-pjanijiet ambizzjużi jiddependi fuq għadd ta' fatturi, bħall-iskala ta' influssi ta' self improduttiv ġdid u l-kundizzjonijiet ekonomiċi u tas-suq.

- **Riforma komprensiva tar-riżorsi umani tal-Awtorità Indipendenti tad-Dħul Pubbliku mistennija tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju**. Ir-riforma mistennija li tgħin lill-Awtorità Indipendenti biex tagħti riżultati dwar l-impenn speċifiku biex tiggarantixxi li jkun hemm persunal xieraq fil-futur.

- **L-awtoritajiet lestew ir-riforma tas-sistema ta' sussidji għat-trasport pubbliku lokali**, li hi impenn speċifiku, u t-tnedija fuq skala nazzjonali tat-**tielet u l-aħħar pilastru tad-Dħul Minimu Garantit**, li hu wkoll impenn speċifiku, li jippermetti l-għoti ta' appoġġ soċjali u ta' servizzi ta' impjieg imfassla apposta lill-benefiċjarji tad-Dħul Minimu Garantit mill-1 ta' Ġunju. Ir-riforma tad-Dħul Minimu Garantit kellha impatt viżibbli f'dak li jirrigwarda t-tnaqqis tal-faqar, minkejja li l-proporzjon tan-nies fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali għadu fost l-ogħla fl-UE (30 % fl-2019). L-awtoritajiet se jilleġiżlaw f'Settembru biex jużaw is-**sistema ta' valutazzjoni tad-diżabilità bbażata fuq il-funzjonalità** biex jivvalutaw l-eliġibbiltà tal-benefiċċju fil-programm il-ġdid tagħhom ta' prova ta' assistenza personali lill-persuni b'diżabilità. Dan ifisser li l-iskema l-ġdida ta' valutazzjoni se tintuża direttament għal deċiżjonijiet ta' benefiċċji *in natura* mill-ewwel trimestru tas-sena d-dieħla, aktar milli għal proġett pilota ulterjuri tas-sistema ta' valutazzjoni tal-funzjonalità li huwa meħtieġ.

([7]) Sors: Il-Bank of Greece, self improduttiv bħala sehem tas-self gross totali tal-klijenti fuq bażi individwali. Din iċ-ċifra hija differenti minn dik irrapportata skont l-Analiżi fil-Fond, billi din tal-aħħar hija ċ-ċifra rrapportata mill-Bank Ċentrali Ewropew u tirrappreżenta self improduttiv bħala sehem tas-self u l-avvanzi grossi totali fuq bażi konsolidata (jiġifieri flimkien ma' bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn fid-denominatur).

- **L-awtoritajiet adottaw tibdil radikali tal-qafas tal-akkwist pubbliku**, qafas kunċettwali ġdid li jirrigwarda l-**kontroll intern fl-amministrazzjoni pubblika** u leġiżlazzjoni biex tistabbilixxi **Riżerva ta' Proġetti Strateġiċi.** Il-leġiżlazzjoni dwar l-istabbilitment ta' **Faċilità ta' Tħejjija tal-Proġetti** għal proġetti kbar ta' investiment mistennija li tiġi adottata kmieni f'Ġunju. Filwaqt li l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-miżuri se jkollha tkompli fil-futur, dawn il-passi huma kruċjali biex il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tibda tajjeb. Ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma komplementari għar-riformi mmonitorjati skont is-sorveljanza msaħħa iżda għandhom orizzont aktar fit-tul u, fejn xieraq, jiżviluppaw aktar ir-riformi mibdijin skont is-sorveljanza msaħħa.

- **L-awtoritajiet laħqu l-mira ta' 30 % fl-akkwist ċentralizzat tan-nefqa fuq il-kura tas-saħħa** , li hu impenn speċifiku, filwaqt li ħadu passi biex iħaffu l-ġbir tal-irkupru u t-tnedija mill-ġdid tax-xogħol fir-riforma tal-kura tas-saħħa primarja.

- **Il-kapaċità tal-Kunsill Suprem għas-Selezzjoni tal-Persunal tas-Servizz Pubbliku ssaħħet** u sar progress tajjeb lejn sistema integrata ta' ġestjoni tar-riżorsi umani għall-amministrazzjoni pubblika. Il-limitu għar-reklutaġġ ta' persunal temporanju, li l-ħidma dwaru qed tkompli, se jibda jiġi implimentat biss mill-2022 iżda l-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jimplimentaw tnaqqis miftiehem fil-postijiet temporanji f'Ottubru 2021.

Ir-riformi komplew ukoll f'oqsma importanti oħra. L-awtoritajiet qed jagħmlu progress tajjeb fl-iżvilupp tal-ewwel livell tal-**klassifikazzjoni funzjonali għall-kontijiet pubbliċi** mistennija f'Ottubru 2021 u ħejjew pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tat-tieni livell tagħha sa April 2022. Il-klassifikazzjoni funzjonali hija element essenzjali fil-formulazzjoni tal-baġit u tal-politika. Ittieħdu passi importanti, inklużi leġiżlazzjoni primarja u sekondarja ġodda, biex jiġu **ssimplifikati** r-rekwiżiti għal-**liċenzji tal-investiment** u jiġi riformat il-**qafas ta' spezzjoni**. Minkejja l-kopertura settorjali wiesgħa tar-riformi, oqsma relatati mal-liċenzji tan-negozju f'attivitajiet edukattivi tħallew barra mill-pakkett attwali iżda l-awtoritajiet se jindirizzawhom sa Settembru 2021. L-offerta għall-użu tas-sistema tal-IT għal-liċenzji u l-ispezzjonijiet, li l-eżekuzzjoni tagħha kienet iltaqgħet ma' diffikultajiet, fl-aħħar infetħet u d-deċiżjoni finali għall-għoti tal-kuntratt ġiet ippubblikata reċentement. Ir-**riforma fir-reġistrazzjoni tal-artijiet** tinsab fit-triq it-tajba skont il-pjan direzzjonali rivedut, u qed isir progress tajjeb fit-tlestija tal-istħarriġ katastali, l-istabbiliment tal-uffiċċji katastali u t-tħejjija ta' **mapep tal-foresti**. Ir-ratifika ta' 95 % tal-mapep kollha se tinkiseb fl-ewwel trimestru tal-2022 wara l-estensjoni tal-perjodu għall-preżentazzjoni ta' oġġezzjonijiet minħabba l-pandemija u biex jiġu indirizzati l-problemi amministrattivi u leġiżlattivi. Il-**Korporazzjoni Ellenika tal-Assi u l-Parteċipazzjonijiet** qed tħejji Pjan Strateġiku aġġornat, wara li ħarġet il-Gwida Ministerjali aġġornata tal-awtoritajiet, li tinkludi fokus ġdid fuq il-ġestjoni tal-assi bbażata fuq is-suq, u qed jittieħdu passi apprezzati biex jissaħħaħ ir-rwol tal-Korporazzjoni bħala azzjonist attiv. Sar progress tajjeb f'diversi **tranżazzjonijiet ta' privatizzazzjoni** li jinsabu għaddejjin, fosthom Hellinikon, għadd ta' portijiet reġjonali, proprjetà immobbli u l-ħażna ta' gass naturali taħt l-art fin-Nofsinhar ta' Kavala. Il-progress li sar fl-azzjonijiet l-oħra pendenti dwar il-konċessjoni ta' Egnatia kien limitat u x-xogħlijiet waqgħu lura. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-awtoritajiet adottaw miżuri rilevanti biex jindirizzaw il-bqija tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni u stabbilixxew skeda ta' żmien biex jitlesta l-impenn speċifiku, filwaqt li kkompletaw it-titjib tant mistenni fl-implimentazzjoni tal-proċedura tad-dikjarazzjoni tal-assi.

L-awtoritajiet qed jieħdu passi biex jirrimedjaw id-dewmien li kkawżat il-pandemija. L-ewwel nett, għall-kuntrarju tal-pjan inizjali, **l-arretrati akkumulati** żdiedu b'EUR 96 miljun bejn Diċembru 2020 u Frar 2021, l-aktar minħabba nuqqas ta' likwidità f'ċerti entitajiet. L-awtoritajiet ħadu miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni u pprovdew pjan ta' approvazzjoni aġġornat, li jikkonferma l-miri miftehma qabel, filwaqt li qiesu analiżi komprensiva ġdida tal-fatturi barra mill-kontroll dirett tal-gvern. L-analiżi li kienet miftiehma mal-istituzzjonijiet Ewropej, mistennija tappoġġa l-kredibbiltà u l-ilħuq tal-miri. B'mod parallel, l-awtoritajiet qed jagħmlu progress fl-implimentazzjoni ta' miżuri strutturali biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ellenika tal-Awdituri li jiffukaw l-aktar fuq it-titjib tal-IT, l-istabbiliment ta' sistemi effiċjenti ta' kontroll intern, il-persunal u t-titjib fil-proċeduri ta' pagament li l-maġġoranza tagħhom trid tiġi indirizzata sa nofs l-2021. It-tieni, l-awtoritajiet irnexxielhom ilestu l-eżerċizzju ta' rivalutazzjoni tat-taxxa fuq **il-proprjetà tal-ENFIA** u qablu li jressqu 'l quddiem id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' Awwissu 2022 għall-ewwel trimestru tal-2022, billi l-implimentazzjoni tar-riforma fl-2021 ma għadhiex fattibbli. It-tielet, il-proċedura għall-aġġornament tal-**paga minima statutorja** ssoktat u mistenni li titlesta sal-aħħar ta' Lulju u r-**Riforma tal-Kodiċi Industrijali** li ilha mistennija ddaħħlet f'konsultazzjoni pubblika u huwa ppjanat li tiġi ppreżentata lill-Parlament matul l-ewwel ġimgħa ta' Ġunju, biex b'hekk tintroduċi modernizzazzjoni sinifikanti tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol u tiftaħ it-triq għall-kodifikazzjoni tagħha, li hija impenn speċifiku. Fl-aħħar nett, **ir-riformi ġudizzjarji** raw xi progress apprezzat bl-adozzjoni tal-Kodiċi tal-Persunal Ġudizzjarju u l-leġislazzjoni sekondarja għall-unità tal-"JustStat", filwaqt li se tkompli l-ħidma dwar liġijiet importanti oħra u dwar l-istabbiliment ta' kmamar speċjali. Hemm *momentum* tajjeb rigward id-diġitalizzazzjoni tal-ġudikatura iżda l-introduzzjoni li tinsab tard ħafna tal-preżentazzjoni elettronika obbligatorja tad-dokumenti qed tagħmel progress biss fil-qrati amministrattivi, billi l-implimentazzjoni tagħha fil-qrati ċivili u kriminali hija marbuta mal-iżvilupp tat-tieni fażi tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet, li s-sejħa għall-offerti tagħha se titnieda mill-ġdid – b'ambitu usa' – f'Lulju 2021. L-istituzzjonijiet Ewropej ħeġġew lill-awtoritajiet biex jappoġġaw il-preżentazzjoni elettronika tad-dokumenti fil-qrati ċivili u kriminali fuq bażi fakultattiva.

Minkejja l-progress sostanzjali fil-leġiżlazzjoni dwar l-insolvenza, it-tfixkil relatat mal-pandemija fil-proċedimenti tal-qorti kompla jkun ta' piż fuq l-implimentazzjoni ta' riformi oħra fis-settur finanzjarju fl-ewwel trimestru tal-2021 iżda l-proċessi qed jerġgħu jibdew gradwalment. Dan huwa b'mod partikolari l-każ għall-ipproċessar tal-każijiet arretrati preċedenti ta' insolvenza tal-unitajiet domestiċi. Filwaqt li qed jiġi implimentat pjan direzzjonali speċifiku biex jitħaffef il-pass, l-approvazzjoni sħiħa issa x'aktarx li tiġi posposta lil hinn mill-mira ta' tmiem l-2021. Is-sospensjoni orizzontali tal-proċedimenti ta' infurzar, inklużi l-irkanti, li kienu ilhom fis-seħħ minn Novembru 2020 u li kienu ġew ivvalutati bħala li għandhom effett potenzjalment negattiv fuq it-tnaqqis tas-self improduttiv, tneħħiet fil-bidu ta' April 2021, u dan ippermetta li l-passi kollha ta' infurzar jerġgħu jibdew gradwalment. Il-biċċa l-kbira tal-irkanti se jiġu skedati mill-ġdid għal wara s-sajf, u b'hekk jiġi limitat l-għadd totali ta' rkantijiet imwettqa fl-2021 għal livelli ta' qabel il-pandemija. L-awtoritajiet qed iħejju wkoll passi ulterjuri biex jiffaċilitaw il-konformità mal-miżuri li ttieħdu f'Diċembru 2020 biex itejbu t-twettiq tal-irkantijiet u kkonfermaw li l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili rivedut, li fost l-oħrajn se jlesti r-riforma tal-irkanti, se jiġi adottat f'Lulju 2021 u jidħol fis-seħħ qabel il-bidu tas-sena ġudizzjarja li jmiss wara s-sajf. Il-pandemija kompliet ixxekkel il-progress dwar l-approvazzjoni tal-garanziji tal-Istat iżda hu mistenni li l-miżuri li diġà ġew stabbiliti se jiffaċilitaw li l-pass jitħaffef fit-tieni trimestru tas-sena.

B'mod ġenerali, dan ir-rapport jikkonkludi li l-Greċja ħadet l-azzjonijiet meħtieġa biex tikseb l-impenji speċifiċi dovuti tagħha, minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċli li kkawżat il-pandemija. L-awtoritajiet wettqu għadd ta' riformi fundamentali, fosthom fl-oqsma li se jkunu kruċjali għall-ġestjoni tar-riperkussjonijiet fit-tul mill-kriżi ekonomika attwali u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-amministrazzjoni pubblika biex l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tirnexxi. L-istituzzjonijiet Ewropej jilqgħu l-involviment mill-qrib u kostruttiv fl-oqsma kollha u jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet biex iżommu l-*momentum* u, fejn meħtieġ, isaħħu l-isforzi biex jirrimedjaw id-dewmien sa ċertu punt ikkawżat mill-pandemija, b'mod partikolari fir-rigward tar-riformi tas-settur finanzjarju.

ŻVILUPPI MAKROEKONOMIĊI

L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 immarka l-perkors għall-ekonomija Griega fl-2020. Il-prodott domestiku gross tal-Greċja naqas bi 8,2 % fuq bażi annwali fl-2020, li jirrifletti l-impatt tal-miżuri ta' kontenIment fuq l-attività ekonomika u speċjalment fuq is-settur turistiku. Minkejja l-issikkar tar-restrizzjonijiet biex tiġi limitata l-firxa tal-pandemija matul l-aħħar trimestru tas-sena, l-ekonomija Griega rreġistrat tkabbir notevoli ta' 2,7 % fuq bażi trimestrali, li jirrifletti nefqa akbar tal-gvern u żieda qawwija fl-esportazzjonijiet netti. Il-prezzijiet tal-konsumatur naqsu, l-aktar minħabba l-pressjonijiet deflazzjonarji qawwija mill-prezzijiet tal-enerġija u l-laxkezza fl-ekonomija.

Il-miżuri ta' sostenn għall-impjiegi rnexxielhom jipproteġu s-suq tax-xogħol billi żammew ir-rata tal-qgħad għal 16,3 % fl-2020 minkejja t-tfixkil ekonomika li ġabet magħha l-pandemija. Fl-istess ħin, l-impjiegi naqsu meta mqabbla ma' sena ilu, minħabba li kien hemm inqas impjiegi ġodda l-aktar fis-settur turistiku. L-iskema ewlenija li tipproteġi s-suq tax-xogħol diġà kienet ġiet stabbilita kmieni fl-2020 u tappoġġa lill-ħaddiema li l-kuntratti tax-xogħol tagħhom ġew sospiżi temporanjament, filwaqt li tipproteġi l-pożizzjonijiet tagħhom. F'Marzu 2021, l-għadd ta' impjegati soġġetti għal sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol laħaq il-547 000 (f'128 400 intrapriża), li huwa aktar minn tliet darbiet aktar minn dak f'Ottubru 2020, meta bdiet it-tieni mewġa tal-pandemija fil-Greċja. Bl-istess mod, il-programm ta' sussidju għall-impjiegi li tnieda f'Ottubru 2020 sa issa pprovda impjieg lil kważi 30 000 persuna, li 4 600 minnhom qabel kienu qiegħda fit-tul. L-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ("Synergasia"), appoġġata mill-istrument ta' finanzjament għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE), kompliet tipprovdi appoġġ lil madwar 17 000 impjegat f'1 600 intrapriża f'Frar 2021.

Il-pass tal-irkupru f'terminu qasir x'aktarx li jkun kemxejn aktar bil-mod milli kien imbassar, minħabba l-estensjoni tal-miżuri ta' konteniment, iżda t-tnedija mistennija tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza x'aktarx li tagħti spinta lit-tkabbir fil-futur. Il-miżuri ta' konteniment aktar stretti mistennija li jtaqqlu l-pass tal-irkupru fl-ewwel trimestru tal-2021. Madankollu, il-progress kostanti fit-tilqim u l-ftuħ mill-ġdid gradwali tas-settur tat-turiżmu x'aktarx li jaċċelleraw l-attività ekonomika fit-tieni nofs tas-sena. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, huwa mbassar li l-PDG reali fil-Greċja jikber b'4,1 % fl-2021 u 6,0 % fl-2022, xprunat l-aktar minn investimenti mit-tieni nofs tal-2021 'il quddiem. Hu mistenni li anki l-esportazzjonijiet netti jipprovdu kontribut pożittiv, appoġġat mill-ftuħ mill-ġdid gradwali tas-settur tat-turiżmu. Il-konsum privat x'aktarx li jkun sostnut mir-realizzazzjoni ta' parti mix-xiri li ddewwem mis-sena ta' qabel. Iż-żieda mistennija fl-infiq tal-unitajiet domestiċi, u l-irkupru li rriżulta fis-settur tas-servizzi li jirrikjedu aktar ħaddiema, mistennija jiffaċilitaw ukoll ir-ritorn tal-ħaddiema li bħalissa jinsabu fi skemi ta' appoġġ għall-impjiegi regolari, biex b'hekk li l-miżuri ta' sostenn jintreħew gradwalment. Huwa mbassar li l-inflazzjoni tibqa' kemxejn negattiva fl-2021,

minħabba pressjoni negattiva fuq il-prezzijiet mis-settur tas-servizzi u domanda dgħajfa għall-prodotti industrijali. Għall-2022, il-prezzijiet tal-konsumatur mistennija li jirkupraw bil-mod hekk kif l-attività ekonomika terġa' lura għal-livelli li kellha qabel il-pandemija u l-attività tat-turiżmu tirkupra gradwalment.

It-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni jqis ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Pjan jinkludi għadd ta' proġetti ta' investiment maturi, b'mod partikolari fl-oqsma tat-trasformazzjoni ekoloġika, it-tranżizzjoni diġitali, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv kif ukoll infiq ieħor li jsaħħaħ it-tkabbir, li l-implimentazzjoni tagħhom mistennija li tibda malajr fit-tieni nofs tal-2021. Billi jrawmu t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-Greċja, dawn l-investimenti x'aktarx li jipprovdu impetu qawwi għall-irkupru, u jżidu t-tkabbir b'medja ta' madwar 1,3 punti perċentwali fl-2021 u fl-2022. Apparti li jtejjeb il-kompetittività u l-produttività, il-Pjan għandu l-għan ukoll li jippromwovi l-impjiegi kif ukoll irkupru inklużiv.

L-inċertezza dwar il-prospettiva għadha għolja. Minkejja li l-kampanja ta' tilqim qed tagħmel progress, l-evoluzzjoni tal-pandemija kemm fil-livell domestiku kif ukoll f'dak internazzjonali għadha soġġetta għal inċertezza sostanzjali. Dan għandu riperkussjonijiet għat-turiżmu u s-setturi relatati mat-turiżmu bħas-settur tal-ospitalità u l-forniment tal-ikel u s-servizzi, li jirrappreżentaw sehem relattivament kbir tal-ekonomija Griega. L-inċertezza tikkonċerna wkoll il-ħeffa tal-irkupru tas-settur korporattiv u bankarju wara t-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' sostenn, li tista' toħloq pressjoni għal-likwidità tad-ditti u possibbilment għas-solvenza. Hu mistenni li l-effetti ta' preċipizju jittaffew permezz ta' skema riċenti li tappoġġa s-self lin-negozji. L-impedimenti għall-aċċess għall-finanzjament b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għadhom jippersistu, iżda mistenni li jiġu attenwati permezz ta' miżuri ppreżentati fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-iżviluppi fis-suq tax-xogħol fuq medda qasira ta' żmien se jiddependu b'mod kruċjali fuq it-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' sostenn għas-suq tax-xogħol, li jeħtieġ tiġi ġestita b'attenzjoni. Il-fatturi ġeopolitiċi esterni u l-feġġ mill-ġdid potenzjali tal-kriżi tal-migrazzjoni ladarba l-pandemija tbatti għadhom sors ta' inċertezza. Mil-lat pożittiv, l-iffrankar akkumulat matul il-pandemija jista' jagħti spinta lill-infiq fil-futur. Rigward l-inflazzjoni, l-inċertezza dwar il-perspettiva ekonomika timplika riskji negattivi għall-perkors ipproġettat.

Tabella .1: **Sommarju tal-varjabbli makroekonomiċi ewlenin (%)**

	2020	2021	2022
Tkabbir tal-PDG reali	-8,2	4,1	6,0
Tkabbir fl-impjiegi	-1,3	0,4	0,7
Rata tal-qgħad	16,3	16,3	16,1
Indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur	-1,3	-0,2	0,6

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

ŻVILUPPI FISKALI

Id-defiċit primarju tal-Greċja mmonitorjat skont is-sorveljanza msaħħa laħaq 7,5 % tal-PDG fl-2020. Id-deterjorament meta mqabbel mat-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni huwa spjegat mill-miżuri addizzjonali li ħa l-gvern biex jindirizza t-tieni mewġa tal-pandemija fl-aħħar xhur tal-2020. Barra minn hekk, diversi kwistjonijiet statistiċi ġew iċċarati mill-Eurostat, li kkontribwixxa għall-bilanċ fiskali aktar baxx. Ir-reviżjoni statistika l-aktar evidenti hija d-deċiżjoni li tiġi akkumulata l-ispiża kollha mistennija tal-

ikklerjar tal-arretrati ta' garanziji tal-Istat sal-2020. Din ir-reviżjoni żiedet 1,2 % tal-PDG mad-defiċit tal-2020, filwaqt li ma kellha l-ebda impatt fuq il-livell tad-dejn tal-gvern estiż. Deċiżjoni importanti oħra li ħadu l-awtoritajiet tal-istatistika kienet tikkonċerna r-reġistrazzjoni fiskali tal-mekkaniżmu ta' rkupru. Billi l-istokk ta' irkupri mhux miġbura baqa' jakkumula, l-awtoritajiet tal-istatistika ddeċidew li jabbandunaw il-prattika preċedenti ta' reġistrazzjoni, fejn in-nefqa dovuta kienet iddefinita mil-limiti massimi ta' rkupru, u minflok jirreġistraw l-irkupri u r-ribassi kollha meta jinġabru jew jiġu kkumpensati. Huwa stmat li għall-2020, din il-bidla kellha impatt ta' deterjorament tal-bilanċ ta' 0,3 % tal-PDG, filwaqt li l-bilanċi fiskali tal-passat bejn l-2012 u l-2019 iddeterjoraw b'medja ta' 0,2 % tal-PDG, mingħajr ebda impatt fuq il-livell tad-dejn tal-gvern estiż.

Il-politika fiskali se tibqa' akkomodanti fl-2021 u hu mistenni li l-biċċa l-kbira tal-miżuri fiskali adottati biex itaffu l-ispejjeż soċjali u ekonomiċi tal-kriżi jitneħħew gradwalment fl-2022. B'reazzjoni għat-tielet mewġa ta' infezzjonijiet l-awtoritajiet qed isostnu l-appoġġ biex tiġi indirizzata l-pandemija fl-2021 billi estendew il-miżuri preċedenti. Dan jinkludi żieda ulterjuri fil-pakkett tal-"pagamenti bil-quddiem ripagabbli" (appoġġ pubbliku lil kumpaniji affettwati mill-pandemija, imqassam fil-forma ta' self b'komponent ta' sussidju kundizzjonali), aktar sostenn fiskali relatat mal-impjegati li l-kuntratt tax-xogħol tagħhom ġie sospiż, żieda fin-nefqa għall-kura tas-saħħa u estensjoni tad-differimenti tat-taxxa. Bis-suppożizzjoni kurrenti tat-tnaqqis gradwali tal-lockdown, il-biċċa l-kbira tal-miżuri mmirati lejn il-kumpaniji u l-unitajiet domestiċi li ntlaqtu direttament mill-pandemija mistennija li jitwaqqfu b'seħħ mill-2022.

Miżuri ulterjuri huma previsti li jkomplu jipprovdu sostenn għall-irkupru fl-2022, inkluż it-tnaqqis tant meħtieġ għall-piż tat-taxxa tal-kumpaniji. Ir-rata mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-tnaqqis tat-taxxa ta' solidarjetà soċjali fis-settur privat se jibqgħu fis-seħħ ukoll fl-2022. L-awtoritajiet iddeċidew ukoll li jnaqqsu r-rata ta' ħlas bil-quddiem tat-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpaniji minn 100 % għal 70 % fl-2021 u jżommuha għal 80 % mill-2022 'il quddiem. Din il-miżura għandha l-għan li tissalvagwardja l-likwidità u l-investimenti privati billi d-ditti altrimenti jiffaċċjaw rata tat-taxxa effettiva ta' kważi 50 % meta jibdew jagħmlu profitt ([8]), li jkun ta' riskju kbir għall-investimenti privati. Barra minn hekk, it-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji se titnaqqas b'żewġ punti perċentwali għal 22 % mis-sena tat-taxxa 2021 'il quddiem. Din il-miżura għandha impatt permanenti negattiv żgħir fuq il-finanzi pubbliċi ta' madwar 0,1 % tal-PDG, iżda hija pass fid-direzzjoni t-tajba biex jiġi indirizzat il-piż tat-taxxa għoli fuq il-kumpaniji, li ilu żmien twil ta' tħassib ([9]). L-impatt ta' din il-miżura se jiġi kkumpensat minn żieda permanenti fid-dħul tal-kont tas-Sors tal-Enerġija Rinnovabbli, applikata mill-2021 'il quddiem, b'mod partikolari mill-kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-introduzzjoni ta' tariffa ekoloġika fuq il-konsum tad-diżil.

It-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni jistenna li d-defiċit primarju mmonitorjat skont is-sorveljanza msaħħa jilħaq 7,3 % tal-PDG fl-2021 u 0,5 % tal-

([8]) Fil-Greċja, id-ditti jħallsu avvanzi fuq it-taxxa fuq l-introjtu korporattiv fuq il-bażi tal-profitti tagħhom is-sena preċedenti, u l-approvazzjoni ssir fis-sena ta' wara, ladarba l-profitti jkunu saru magħrufa. Dan ifisser li jekk kumpanija tagħmel profitt fis-sena T-1 għall-ewwel darba, imbagħad fis-sena T tkun obbligata tħallas avvanz ta' 24 % fuq it-taxxa li tkun dovuta għas-sena T u taxxa korporattiva ta' 24 % fuq il-profitt li tagħmel f'T-1 permezz tal-mekkaniżmu ta' approvazzjoni billi ma jkun sar l-ebda ħlas bil-quddiem fis-sena preċedenti. Dan jammonta għal rata tat-taxxa effettiva ta' 48 % fis-sena T.

([9]) Ara t-tieni rapport ta' sorveljanza msaħħa (Frar 2019) għal analiżi tal-piż tat-taxxa.

PDG fl-2022, li huwa allinjat mill-qrib mal-proġettazzjoni tal-awtoritajiet ([10]). Din il-proġettazzjoni tqis l-iskadenza gradwali tal-miżuri ta' sostenn fiskali u l-irkupru ekonomiku mistenni. Tinkludi wkoll l-ispiża tal-"pagamenti bil-quddiem ripagabbli" (appoġġ pubbliku lil kumpaniji affettwati mill-pandemija, imqassam fil-forma ta' self b'komponent ta' sussidju kundizzjonali). Id-dispożizzjonijiet għall-garanziji pprovduti fil-kuntest tal-pandemija ġew irreġistrati fl-2020. Min-naħa l-oħra, il-garanziji pprovduti fil-kuntest tal-iskema Hercules jistgħu jaffettwaw il-bilanċ fiskali biss fil-futur, jekk u meta jiġu msejħa. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni jqis is-sostenn finanzjarju fuq skala kbira minn riformi u investimenti li jsaħħu t-tkabbir inklużi fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Greċja, li huma mistennija jipprovdu appoġġ sostanzjali għall-ekonomija u jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali. Dan imbagħad se jgħin biex jinkisbu pożizzjonijiet fiskali prudenti. Il-Programm ta' Stabbiltà għall-2021 tal-awtoritajiet jipproġetta li d-defiċit primarju jilħaq is-7,2 % tal-PDG fl-2021 u ż-0,3 % tal-PDG fl-2022.

([10]) Il-Klawżola Liberatorja Ġenerali ġiet attivata bi qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill Ewropew f'Marzu 2020 u tibqa' attiva fl-2021 kif indikat fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021. Il-Klawżola Liberatorja Ġenerali tippermetti l-iddevjar temporanju mir-rekwiżiti baġitarji, fosthom il-miri fiskali tal-Greċja li huma mmonitorjati skont i-sorveljanza msaħħa, sakemm dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali f'terminu medju. F'Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li tissuġġerixxi li l-Istati Membri b'livelli għolja ta' dejn bħall-Greċja jenħtieġ li jsegwu politiki fiskali prudenti fl-2022, filwaqt li jippreservaw l-investiment iffinanzjat b'mod nazzjonali u jagħmlu użu minn sovvenzjonijiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzjaw proġetti ta' investiment ta' kwalità għolja u riformi strutturali addizzjonali. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, fit-2 ta' Ġunju l-Kummissjoni kkunsidrat li l-kundizzjonijiet biex tibqa' tapplika l-klawżola liberatorja ġenerali fl-2022 u biex tiġi diżattivata b'seħħ mill-2023 kienu ssodisfati. Se jibqgħu jitqiesu s-sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż wara d-diżattivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali. Ara l-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika fl-2021: biex tingħeleb il-COVID-19, ikun appoġġat l-irkupru u tkun modernizzata l-ekonomija tagħna", Brussell, 2.6.2021, COM(2021) 500 final.

Tabella .2: **Il-fatturi ewlenin tal-proġettazzjoni fiskali**

	2020 Att.	2021 Proġ.	2022 Proġ.
Dħul totali, f'biljuni ta' EUR	**82,9**	**84,6**	**90,0**
% tal-PDG	**50,0**	**49,2**	**48,9**
	livell	*bidla s-f-s (f'bn ta' EUR)*	
Dħul totali, f'biljuni ta' EUR	**82,9**	**1,7**	**5,5**
Makro		1,0	3,0
Miżuri ta' dħul		-2,1	1,2
Dħul mhux minn taxxi u talbiet mill-fondi tal-UE		0,5	0,9
Aġġustamenti oħra		2,2	0,4
Total tal-infiq primarju, f'biljuni ta' EUR	**95,3**	**97,1**	**90,9**
% tal-PDG	**57,5**	**56,5**	**49,4**
	livell	*bidla s-f-s (f'bn ta' EUR)*	
Total tal-infiq primarju, f'biljuni ta' EUR	**95,3**	**1,8**	**-6,2**
Kumpens lill-impjegati	22,3	0,4	0,2
Trasferimenti soċjali	39,5	0,9	-0,3
Investimenti	5,2	3,8	2,0
Konsum intermedju	8,7	1,3	-0,5
Infiq ieħor u riserva	19,8	-4,6	-7,5
Bilanċ primarju f'termini ta' sorveljanza msaħħa, f'biljuni ta' EUR	**-12,4**	**-12,6**	**-0,9**
% tal-PDG	**-7,5**	**-7,3**	**-0,5**

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

L-awtoritajiet adottaw leġiżlazzjoni sekondarja li tistabbilixxi l-kriterji għad-dħul mill-ġdid fl-iskema ta' saldu tat-taxxa għal obbligazzjonijiet tat-taxxa li ġew interrotti qabel il-pandemija. Din il-leġiżlazzjoni tifforma parti mill-arranġamenti miftiehma fil-kuntest tat-tmien rapport ta' sorveljanza msaħħa u tħaddem "it-tieni opportunità" għal dawk li kienu telqu minn skemi ta' saldu preċedenti wara r-reviżjoni tal-qafas ta' Novembru 2019. Tintroduċi kriterji dwar il-ġid, it-telf ta' dħul u l-konformità stretta, ħaġa li hija novità mixtieqa għall-qafas.

Ir-riskji fiskali għadhom sostanzjali. Fil-biċċa l-kbira, dawn għadhom qed ikunu xprunati mill-inċertezza fl-ambitu tal-evoluzzjoni tal-pandemija u minn sostenn fiskali ulterjuri li jista' jkun meħtieġ biex tittaffa l-ispiża soċjali u ekonomiku tal-kriżi tas-saħħa. Riskji ulterjuri huma relatati mal-ispiża reali tal-garanziji tal-Istat u l-avvanzi rimborżabbli estiżi matul il-pandemija. L-iskema ppjanata ta' bejgħ u kiri lura ta' proprjetajiet li huma proprjetà ta' debituri vulnerabbli tista' ġġorr spejjeż fiskali sostanzjali jekk tiġi kklassifikata fis-settur tal-gvern estiż ([11]). Ir-riskji li jirriżultaw mill-każijiet ta' litigazzjoni kontra l-Kumpanija Pubblika tal-Proprjetà Immobbli (ETAD) u l-kontestazzjonijiet legali li għaddejjin kontra riformi preċedenti, kif deskritt f'rapporti preċedenti, għadhom konsiderevoli. Feġġ mill-ġdid fil-flussi migratorji jiddeterjora l-bilanċ fiskali futur. Fl-aħħar nett, it-tbassir jassumi eżekuzzjoni sħiħa tal-limiti massimi tal-baġit li, jekk ma jintlaħqux, itejbu r-riżultat fiskali għad-detriment tal-kontribuzzjoni tan-nefqa pubblika għat-tkabbir.

([11]) Skont il-grad ta' libertà ekonomika u sjieda li bihom topera organizzazzjoni bħal din, din tista' titqies bħala parti mill-gvern estiż jew le. Jekk maġġoranza kbira tal-kundizzjonijiet operattivi tagħha jkunu definita mill-Istat b'mod li jillimita d-diskrezzjoni tagħha fuq parametri importanti, tista' tiġi kklassifikata bħala parti mill-gvern estiż. F'dan il-każ ix-xiri li jsir minn din l-organizzazzjoni jitqies bħala nfiq tal-gvern.

FINANZJAMENT TAD-DEJN SOVRAN

Id-differenzi fir-rendimenti tad-dejn sovran ilhom stabbli minn Frar 2021, f'madwar 60 punt bażi tul ħames snin. Il-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli qed tkompli ssostnihom il-pożizzjoni akkomodanti tal-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew, inkluż il-Programm tiegħu ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija. Il-Greċja żammet il-preżenza tagħha fis-swieq tal-bonds u kompliet bl-implimentazzjoni tal-pjan ta' finanzjament tagħha. F'Marzu, ġew iġġenerati EUR 2,5 biljun permezz tal-ħruġ ta' bond tal-gvern għal 30 sena b'rendiment ta' ftit inqas minn 2 %. Il-konkorrenza għall-irkant kienet 10 darbiet akbar mill-offerta, u kien l-ewwel bond sovran Grieg ta' 30 snin li nħareġ mill-2007 'l hawn. F'Marzu wkoll, il-Greċja għamlet ripagament parzjali antiċipat tas-self mill-Fond Monetarju Internazzjonali, li huwa pass pożittiv li jgħin biex jitnaqqas ir-riskju tal-kambju u jibgħat sinjal pożittiv lis-swieq. L-ammont ta' self pendenti dovut lill-Fond Monetarju Internazzjonali huwa ta' EUR 1,8 biljun. Ir-riżervi tal-flus tal-gvern estiż kienu ta' madwar EUR 28 biljun fl-aħħar ta' Marzu 2021, li jkunu biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-gvern estiż għal aktar minn sena skont il-proġettazzjonijiet fiskali kurrenti. F'April 2021, id-ditta Standard & Poor's tejbet il-klassifikazzjoni tal-kreditu sovran tal-Greċja b'livell wieħed minn BB- għal BB filwaqt li żammet prospettiva pożittiva. B'dan l-aġġornament, il-klassifikazzjoni sovrana tal-Greċja hija żewġ livelli taħt il-grad ta' investiment f'żewġ aġenziji ta' klassifikazzjoni biss.

ANALIŻI TAS-SOSTENNIBBILTÀ TAD-DEJN


Fit-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni sar aġġornament tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn b'segwitu għall-perspettiva makroekonomika u fiskali aġġornata. Il-metodoloġija ġiet ippubblikata fit-tmien rapport ta' sorveljanza msaħħa. Il-qafas isegwi mill-qrib il-qafas tal-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-Kummissjoni u jqis xenarji alternattivi addizzjonali. Ir-rati forward użati għas-suppożizzjonijiet tar-rata tal-imgħax huma skont l-aħħar ta' Marzu 2021.

Id-dewmien tal-pandemija żied ir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali, li huma parzjalment ikkumpensati mill-irkupru ekonomiku mistenni. Ir-riżultati tal-analiżi juru li fix-xenarju ta' referenza, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG se jibqa' jonqos mill-2021 'il quddiem. Huwa proġettat li d-dejn jilħaq 169 % sal-aħħar tad-deċennju, u jonqos għal taħt il-100 % tal-PDG sal-2047 fix-xenarju ta' referenza.

Il-valutazzjoni tqis l-impatt pożittiv mistenni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq it-tkabbir fis-sitt snin li ġejjin. Hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u riflessa fis-suppożizzjonijiet użati fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni, u hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni formali tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza li qed titwettaq mill-Kummissjoni. Huwa mistenni li l-miżuri ppreżentati fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jkollhom effett multiplikatur ta' 0,8 fuq il-PDG reali bħala medja bejn l-2021 u l-2026. Filwaqt li dan għandu impatt fit-tul fuq il-livelli tal-PDG, din l-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ma tqis l-ebda impatt potenzjali fit-tul tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq it-tkabbir potenzjali tal-PDG lil hinn mill-2026. F'termini ta' finanzjament, huwa mistenni li 13 % tal-pakkett totali jiġi żborżat fl-2021 bħala prefinanzjament. Rigward is-self, il-kalkoli huma bbażati fuq il-pjan tal-gvern li jsellef l-ammont kollu lis-settur privat, fil-forma ta' kofinanzjament, b'maturitajiet li jaqblu ma' dak tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dan iwassal għal żieda fil-ħtiġijiet ta' finanzjament gross fit-terminu qasir, iżda ma għandu l-ebda impatt fuq il-livelli ta' dejn nominali fit-tul, billi huwa preżunt li l-ħlas lura tas-self mis-settur privat lill-gvern jipprovdi

l-finanzjament meħtieġ għar-ripagament tas-self tal-gvern lill-UE. Is-simulazzjonijiet attwali ma jqisu l-ebda impatt possibbli fuq il-bilanċ fiskali mill-element tas-self tal-Faċilità (ħlief għal effetti sekondarji).

Grafika .1: **Riżultati tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn**



Sors: Is-servizzi tal-Kummissjoni

Tabella .3: **Suppożizzjonijiet u riżultati ewlenin**

		2021	2022	2023	2024	2030	2040	2050	2060	average 2021-2029	average 2030-2060
Suppożizzjonijiet	Bilanċ primarju (% tal-PDG)	-7,3	-0,5	2,2	2,2	2,2	2,2	2,2	2,2	0,8	2,2
	Tkabbir reali tal-PDG	4,1	6,0	2,4	1,7	0,7	1,7	1,6	1,5	2,0	1,5
	Tkabbir nominali tal-PDG	3,8	6,7	3,2	2,5	2,8	3,8	3,6	3,5	2,9	3,5
	Rata ta' rifinanzjament (maturità fuq 10 snin)	0,8	1,0	1,1	1,3	2,3	3,1	4,0	4,0	1,5	3,4
Riżultati	Ħtiġijiet ta' finanzjament gross (% tal-PDG)	22,6	17,4	13,5	11,1	14,3	15,6	15,2	13,2		
	Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG)	208,1	200,1	194,9	191,6	168,8	124,8	88,3	65,4		

Sors: Is-servizzi tal-Kummissjoni

Il-ħtiġijiet ta' finanzjament gross għadhom għoljin f'terminu qasir l-aktar minħabba d-defiċit primarju għoli. L-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Self ippreżentata fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza mistennija li tikkontribwixxi għall-ħtiġijiet ta' finanzjament gross ogħla fl-2021-2022, għalkemm din il-ħtieġa ta' finanzjament addizzjonali hija koperta mill-iżborż preżunt tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Fis-snin ta' wara, il-ħtiġijiet ta' finanzjament mistennija li jkunu moderati u jibqgħu taħt il-15 % tal-PDG sal-2030. Wara perjodu ta' ħtiġijiet ta' finanzjament gross għoljin fl-2030, marbuta mal-bidu tar-ripagamenti tas-self estiż skont il-programm tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u mal-iskadenza tal-perjodu ta' differiment tal-imgħax tas-self tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, huma mistennija li jibqgħu f'perkors ta' tnaqqis u jilħqu 13 % tal-PDG sal-2060.

Tabella .4: **Suppożizzjonijiet ewlenin tax-xenarji**

		2021	2022	2023	2024	2030	2040	2050	2060	medja 2021-2029	medja 2030-2060
Tkabbir tal-PDG nominali	Xenarju ta' referenza	3,8	6,7	3,2	2,5	2,8	3,8	3,6	3,5	2,9	3,5
	Xenarju tal-primjum tar-riskju ogħla	3,8	6,7	3,2	2,5	2,8	3,8	3,6	3,5	2,9	3,5
	Xenarju ta' tkabbir baxx	3,8	6,7	3,2	2,5	2,8	3,0	3,0	3,0	2,9	3,0
Rata ta' rifinanzjament (%)	Xenarju ta' referenza	0,8	1,0	1,1	1,3	2,3	3,1	4,0	4,0	1,5	3,4
	Xenarju tal-primjum tar-riskju ogħla	0,8	1,0	1,1	1,3	4,0	4,7	5,9	6,0	2,3	5,2
	Xenarju ta' tkabbir baxx	0,8	1,0	1,1	1,3	4,0	4,7	5,9	6,0	2,3	5,2

Sors: Is-servizzi tal-Kummissjoni

Ix-xenarji alternattivi jindikaw żieda żgħira fir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn. Iż-żewġ xenarji alternattivi żviluppati fit-tmien rapport ta' sorveljanza msaħħa ġew aġġornati wkoll. Fix-xenarju ta' "primjum ta' riskju ogħla", it-trajettorja tad-dejn hija kumplessivament ogħla iżda għadha qed tonqos matul il-perjodu ta' valutazzjoni. Il-ħtiġijiet ta' finanzjament gross huma ogħla fit-tul u jaqbżu b'mod marġinali l-20 % tal-PDG fl-aħħar snin tal-proġettazzjoni. Fix-xenarju ta' "tkabbir baxx", il-livelli tad-dejn jibqgħu għoljin fit-tul u l-ħtiġijiet ta' finanzjament gross qed jiżdiedu matul l-orizzont, u jaqbżu b'mod permanenti l-20 % tal-PDG min-nofs is-snin 2040.

Il-kompożizzjoni u l-profil tal-maturità tad-dejn tal-gvern itaffu l-vulnerabbiltajiet tad-dejn, filwaqt li jistgħu jirriżultaw riskji addizzjonali minn obbligazzjonijiet kontinġenti. Sehem kbir mid-dejn huwa ffinanzjat b'rati baxxi b'maturitajiet twal, li, flimkien mar-riżervi għoljin ta' flus kontanti tal-gvern estiż Grieg, effettivament itaffu l-impatt tal-fluttwazzjonijiet f'terminu qasir fl-ispejjeż ta' finanzjament. L-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ippreżentata f'dan ir-rapport ma tqisx l-impatt fit-tul tar-riformi u l-investimenti ppreżentati fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u dan jista' jkompli jimmitiga r-riskji għas-sostenibbiltà. B'kuntrast, hemm riskji li jirriżultaw mill-inċertezza relatata ma' obbligazzjonijiet kontinġenti vis-à-vis is-settur privat, inklużi l-garanziji tal-Istat mogħtija lid-ditti u lil dawk li jaħdmu għal rashom matul il-pandemija jew fil-kuntest tal-iskema Hercules. Fl-aħħar nett, it-treġġigħ lura fl-ambjent ta' interess baxx li qed jippredomina bħalissa fuq terminu medju jżid ukoll ir-riskji għas-sostenibbiltà, jekk dan iseħħ.

ŻVILUPPI FIS-SETTUR FINANZJARJU

Il-profittabbiltà tal-banek fl-2020 ibbenefikat minn qligħ kummerċjali straordinarju u nfiq ta' finanzjament baxx. Fl-istess ħin, xi banek fornew bil-quddiem il-proviżjonament marbut mal-impatt tal-pandemija u t-titolizzazzjonijiet imminenti. Il-banek irreġistraw qligħ kummerċjali pożittiv fil-portafolli tal-bonds tal-gvern tagħhom u kost aktar baxx ta' finanzjament, bis-saħħa tal likwidità ġeneruża tal-Eurosistema u t-tnaqqis fl-ispejjeż tad-depożiti fil-livell ta' konsumatur. Fl-istess ħin, l-indebolimenti żdiedu biex ikopru ħtiġijiet ta' proviżjonament ogħla minħabba l-pandemija u biex jantiċipaw it-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni ppjanati ta' self improduttiv fl-2021. Barra minn hekk, bank sistemiku wieħed kellu jagħti rendikont tat-telf li ġarrab fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni implimentata sa tmiem l-2020. Mil-lat pożittiv, il-banek rażżnu l-ispejjeż operattivi bis-saħħa tal-implimentazzjoni ta' skemi volontarji ta' tnaqqis tal-persunal. B'mod ġenerali, is-sistema bankarja kollha kemm hi rreġistrat telf wara t-taxxi fl-2020, filwaqt li evitat l-attivazzjoni ta' krediti ta' taxxa differita wara trasformazzjonijiet korporattivi preċedenti (il-"hive-downs"). L-ambjent b'rati baxxi ta' imgħax u l-inċertezza rigward il-prospetti ekonomiċi huma ta' piż fuq il-prospetti għall-2021. Jenħtieġ li r-rati tal-imgħax baxxi jkomplu jappoġġaw l-attività ekonomika iżda se jpoġġu wkoll aktar pressjoni fuq il-marġnijiet tal-imgħax netti, speċjalment wara t-tindif mistenni tal-karti tal-bilanċ. Dan jista' jiġi kontrobilanċjat permezz ta' attività ġdida ta' self, tariffi miżjuda minn servizzi diġitali, in-negozju tal-ġestjoni tal-ġid u tal-assigurazzjoni bankarja u inizjattivi biex jitnaqqsu l-ispejjeż. L-indebolimenti jistgħu jinnormalizzaw minħabba karti tal-bilanċ aktar b'saħħithom, soġġetti għas-suċċess tal-isforzi għat-tnaqqis tas-self improduttiv.

Il-pożizzjoni kapitali tas-sistema bankarja kumplessivament hija ġeneralment adegwata iżda għadha mminata minn profittabbiltà baxxa u kwalità fqira tal-assi, filwaqt li r-rabta bejn il-banek u s-sovrani ssaħħet. Il-medji tal-proporzjonijiet tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u tal-Kapitali Totali tal-banek kienu, fuq bażi konsolidata, ta' 14,6 % u 16,3 % tal-assi mwieżna għar-riskju, rispettivament, fl-aħħar ta' Settembru 2020. Għalkemm il-banek

qed jieħdu sensiela ta' azzjonijiet li jsaħħu l-kapital biex ikopru l-kost tat-titolizzazzjonijiet imminenti tas-self improduttiv u l-eliminazzjoni gradwali tal-arranġamenti prudenzjali tranżizzjonali, il-livelli ta' profittabbiltà mrażżna jistgħu joħolqu sfidi għall-pożizzjoni kapitali tal-banek għall-ġejjieni. Barra minn hekk, dan jista' jwassal għal żieda fis-sehem diġà għoli ta' krediti ta' taxxa differita fil-kapital tal-banek (59 % tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni sa minn tmiem l-2020). Is-sehem kbir ta' krediti ta' taxxa differita, iż-żieda fil-holdings ta' bonds statali lokali tal-banek, l-ishma ta' ekwità miżmuma mill-Istat fis-settur u l-garanziji tal-Istat skont l-iskema Hercules jimplikaw r-rabta aktar b'saħħitha bejn il-banek u s-sovrani li jeħtieġ li tiġi mmonitorjata mill-qrib fil-futur. Mil-lat pożittiv, l-ewwel żieda fil-kapital azzjonarju minn bank sistemiku mill-2015 'l hawn ġiet konkluża b'suċċess f'April 2021, u ġġenerat EUR 1,38 biljun. Fit-terminu medju, f'konformità mal-qafas regolatorju bankarju tal-UE, il-banek Griegi, bħall-banek kollha tal-UE, se jkollhom ukoll joħorġu ammonti sostanzjali ta' dejn li jippermetti rikapitalizzazzjoni interna fis-snin ta' wara sabiex jissodisfaw ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (minimum requirement for own funds and eligible liabilities , MREL), li jista' jżid il-pressjoni fuq l-ispiża tagħhom ta' finanzjament mhux garantit fit-tul.

L-estensjoni tal-iskema Hercules mistennija tiffaċilita aċċellerazzjoni fit-tnaqqis ta' self improduttiv fl-2021, prinċipalment permezz ta' azzjonijiet inorganiċi ([12]), li jibnu fuq il-prestazzjoni b'saħħitha tas-sena preċedenti. Il-bejgħ u t-titolizzazzjonijiet ta' portafolli ta' self improduttiv fl-iskema Hercules kienu l-mutur ewlieni wara tnaqqis sostanzjali ta' EUR 21,1 biljun fl-istokk ta' self improduttiv fl-2020, u laħaq is-EUR 47,5 biljun fuq bażi individwali, wara prestazzjoni qawwija fir-raba' trimestru. B'riżultat ta' dan, il-proporzjon tas-self improduttiv niżel għal 30,2 % ([13]), li madankollu għadu l-ogħla fiż-Żona tal-Euro. It-titjib kontinwu fl-2020, minkejja l-pandemija u t-tnaqqis li rriżulta fl-ammont ta' self rimedjat, kien appoġġat minn rati ta' inadempjenza storikament baxxi bis-saħħa tal-moratorji u l-miżuri ta' sostenn mill-Istat fis-seħħ. Hi mistenni li l-estensjoni reċenti tal-iskema ta' protezzjoni tal-assi ta' Hercules għal 18-il xahar oħra, flimkien ma' EUR 12-il biljun li jġibu l-pakkett kumplessiv tal-iskemi ta' garanziji tal-Istat għal EUR 24 biljun, jippermettu lill-banek Griegi biex ikomplu jimplimentaw l-istrateġiji tagħhom għat-tnaqqis tas-self improduttiv, fi sforz biex jilħqu proporzjonijiet ta' self improduttiv b'ċifra waħda fl-2022 ([14]). Is-suċċess ta' dawn il-pjanijiet ambizzjużi ta' tnaqqis jiddependi minn għadd ta' fatturi, bħall-iskala ta' influssi ġodda ta' self improduttiv, it-tkabbir ekonomiku futur u l-kundizzjonijiet ġenerali tas-suq. L-awtoritajiet qed jivvalutaw jekk hijiex meħtieġa emenda addizzjonali fil-liġi ta' implimentazzjoni rilevanti tal-iskema Hercules biex tirrifletti l-impatt negattiv tal-pandemija fuq l-irkupri([15]). Il-Kummissjoni approvat il-miżura bħala ħielsa minn kull għajnuna mill-Istat.

([12]) Azzjonijiet inorganiċi jirreferu għal bejgħ u titolizzazzjonijiet ta' self improduttiv. L-azzjonijiet organiċi jirreferu għar-ristrutturar intern jew għal-likwidazzjoni kollaterali ta' self improduttiv.

([13]) Sors: Il-Bank tal-Greċja.

([14]) Ġew iffirmati tliet tranżazzjonijiet skont l-iskema oriġinali Hercules li jinvolvu total ta' EUR 17,6-il biljun ta' self improduttiv, u se jiġu konklużi fl-ewwel nofs tal-2021, b'oħra imminenti li titlesta għal portafoll ta' self ta' EUR 6 biljun. Barra minn hekk, tħabbru erba' tranżazzjonijiet addizzjonali, li jikkorrispondu għal EUR 16,3-il biljun f'titolizzazzjonijiet u huma mistennija li jiġu konklużi bejn ir-raba' trimestru tal-2021 u t-tieni trimestru tal-2022, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-estensjoni reċenti.

([15]) Is-sospensjoni tal-miżuri tal-infurzar matul il-pandemija kellha impatt fuq il-kapaċità li s-servizzjanti jagħmlu rkupru fuq il-krediti tagħhom. L-awtoritajiet qed jivvalutaw jekk jistgħux jipprovdu xi flessibbiltà, billi l-qafas leġiżlattiv jipprevedi miżuri f'każ li l-irkupri jkunu inqas mill-proġettazzjonijiet tal-pjani ta' direzzjoni tan-negozju.

Sinjali inizjali ta' mġiba tal-pagament wara l-iskadenza tal-moratorji jissuġġerixxu li l-impatt negattiv fuq il-kwalità tal-assi jista' jkun ġeneralment konformi mal-aspettattivi oriġinali tal-banek iżda għad baqa' riskji negattivi. Il-biċċa l-kbira tal-moratorji skadew fi tmiem l-2020, b'xi eċċezzjonijiet limitati, partikolarment marbuta mas-settur tal-ospitalità. Ir-riżultati inizjali mill-ewwel xahrejn tal-2021 jissuġġerixxu li l-għadd ta' inadempjenzi potenzjali ma jistax jaqbeż l-istima oriġinali inkorporata fil-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju tal-banek jew il-livell inferjuri tal-proġettazzjonijiet attwali tal-Bank of Greece. It-tranżizzjoni bla xkiel lejn mudell normali ta' pagamenti għal min jissellef hija appoġġata wkoll minn a) l-iskema temporanja ta' sussidju għall-pagamenti parzjali stabbilita mill-awtoritajiet għad-debituri affettwati mill-COVID-19 b'self ta' residenza primarja (l-iskema "Gefyra") u b) sensiela ta' prodotti intensivi offruti mill-banek lil klijenti vijabbli li jiffaċċaw diffikultajiet temporanji. Reċentement ġiet adottata wkoll skema simili għal Gefyra, immirata lejn self kummerċjali lil ditti żgħar u ta' daqs medju u lill-professjonisti, u se tikkontribwixxi biex jittaffa kwalunkwe effett ta' preċipizju mill-iskadenza tal-moratorji. Madankollu, ir-riskji negattivi għadhom jippersistu billi parti mill-impatt negattiv fuq il-kwalità tal-assi tista' tinfirex għat-tieni nofs tal-2021 jew għall-bidu tal-2022, b'mod partikolari wara li jitneħħew diversi programmi ta' sostenn mill-Istat. Dan jista' jimplika ħtiġijiet ogħla ta' proviżjonament minn dawk rreġistrati sa issa biex ikopru kompletament l-impatt eventwali tal-pandemija fuq il-portafoll tas-self. Barra minn hekk, il-fluss materjali ta' self ħażin ġdid, fi kwalunkwe xenarju, xorta waħda jindika l-ħtieġa għal titjib mill-banek fil-kapaċità interna għal ristrutturar vijabbli tas-self fit-tul biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi ta' tnaqqis ta' self improduttiv.

Il-Bank ta' Żvilupp Elleniku qed ikompli jappoġġa l-kreditu, mhux biss b'mizuri relatati mal-pandemija iżda wkoll b'inizjattivi ġodda ppjanati għall-2021. Il-fond ta' garanzija tal-COVID-19 għall-impriżi rnexxielu jipprovdi EUR 5,4 biljun f'self sal-aħħar ta' Marzu, filwaqt li t-tnedija ta' sejħa ġdida għal negozji żgħar u professjonisti mistennija li timmobilizza EUR 0,4 biljun addizzjonali f'self ġdid. Kważi EUR 2,6 biljun ingħataw f'self sal-aħħar ta' Marzu skont TEPIX II. Barra minn hekk, għaddejjin diskussjonijiet biex jiġu implimentati skemi addizzjonali matul is-sena b'enfasi fuq l-impriżi żgħar u ta' daqs medju. L-impatt pożittiv ta' dawn il-programmi ta' sostenn saħħaħ il-kreditu nett għall-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, li kompla juri rati ta' tkabbir rekord fuq 12-il xahar, u laħaq 10,3 % fi Frar 2021, b'rati ogħla għall-korporattivi l-kbar milli għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju. Madankollu, it-tneħħija gradwali futura tal-miżuri ta' sostenn mill-Istat tista' taffettwa l-kapaċità tal-banek fil-futur li jżommu tali livelli ta' tkabbir tal-kreditu. L-ispiża tal-kreditu lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji baqgħet stabbli f'livelli storikament baxxi fir-rigward ta' korporattivi kbar filwaqt li ġew osservati żidiet żgħar għal ditti iżgħar, li jirriflettu żieda fir-riskju ta' kreditu. Il-kreditu nett lill-unitajiet domestiċi qed ikompli juri rata stabbli ta' tkabbir negattiv fuq 12-il xahar (-2,5 % fi Frar 2021), minkejja tnaqqis fir-rati tas-self mill-banek għal dan it-tip ta' kreditu.

Il-Fond Elleniku għall-Istabbiltà Finanzjarja lesta t-tielet evalwazzjoni tal-governanza korporattiva tal-bordijiet tal-erba' banek sistemiċi. Dan se jkun segwit minn lista ta' rakkomandazzjonijiet għall-banek. Fl-istess ħin, emenda adottata reċentement tal-liġi regolatorja tiegħu tippermetti li l-Fond jipparteċipa bħala investitur privat fiż-żidiet futuri tal-kapital azzjonarju tal-banek fejn għandu parteċipazzjoni azzjonarja, li tibda biż-żieda tal-kapital azzjonarju f'wieħed mill-banek sistemiċi konkluża reċentement. Hu mistenni li aspetti ewlenin oħra, inkluż it-tul ta' ħajja tal-Fond, il-governanza, id-drittijiet speċjali u l-istrateġija ta' ċessjoni tiegħu kif ukoll il-kriterji għall-banek dwar l-eliġibbiltà għal bord, jiġu indirizzati b'mod konġunt sa Ottubru 2021.